**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-23 TA' NOVEMBRU, 2023**

**Kawża Numru: 2**

**Rik. Ġur. 505/2013 RGM**

**Michelina sive Lina Zerafa, Josephine sive Jessie Marmara', Carmel Caruana, Jennifer Caruana, Anthony Caruana**
**v.**
**Maria Lourdes sive Lourdes Zammit, Clayton Zammit u Antoine Paul Zammit**

**Il-Qorti**

1. Din hija sentenza dwar talba sabiex il-qorti tiddikjara testment null għaliex skond l-atturi t-testatriċi ma kenitx tipposjedi l-fakultajiet mentali sabiex tapprezza dak li kienet qed tagħmel.

2. B'rikors ġuramentat ippreżentat fit-28 ta' Mejju, 2013 l-atturi ippremettew (i) illi l-attriċi Michelina Zerafa u Josephine Marmara' u l-konvenuti Maria Lourdes Zammit huma aħwa; ulied it-testatriċi Anna Bugeja li mietet fit-13 ta' Novembru, 2012. L-atturi Carmel Caruana, Jennifer Caruan u Anthony Caruana huma ulied id-defunta Mary Caruana, bint premorta tat-testatriċi. Il-konvenuti Clayton John u Antoine Paul aħwa Zammit huma ulied il-konvenuta Maria Lourdes Zammit; (ii) illi permezz ta' testment tal-4 ta' Ottubru, 2012 in atti Nutar Antonella Navarro it-testatriċi ħalliet lil bintha l-

konvenuta Maria Lourdes Zammit b'titolu ta' prelegat ġidha kollu, inkluż proprjeta' li t-testatriċi kienet taf li ma tappartjeniex kollha lilha; (iii) illi t-testatriċi ħalliet lill-konvenuti aħwa Zammit id-dritt ta' użu u abitazzjoni tul ħajjithom kollha ta' proprjeta' li ma tappartjeniex lit-testatriċi fl-intier tagħha; (iv) illi t-testatriċi ħalliet lill-atturi eredi universali tagħha; (v) illi l-atturi kienu jieħdu ħsieb lit-testatriċi tul ħajjitha kolha; illi t-testatriċi għamlet l-aħħar testment tagħha meta ma kellhiex il-fakultajiet mentali meħtieġa sabiex tagħmel testment u li ma kenitx tipposjedi l-fakultajiet mentali kollha b'mod li setgħet tapprezza dak li kienet qegħda tagħmel; (vi) illi t-testatriċi kienet mhedda mill-konvenuti sabiex tiddisponi favurihom.

3. Għalhekk l-atturi talbu illi l-Qorti tiddikjara li meta fl-4 ta' Ottubru 2012 t-testatriċi għamlet it-testment tagħha "ma kinitx tipposjedi l-fakultajiet mentali tagħha b'mod li ma setgħetx tapprezza dak li qiegħda tagħmel" kif ukoll sabiex il-Qorti tiddikjara t-testment imsemmi "għal kollox null u bla effett fil-liġi".

4. B'risposta ġuramentata tal-25 ta' Ġunju, 2013 il-konvenuti laqgħu għat-talbiet attriċi billi eċċepew (i) illi t-testatriċi kienet tipposjedi l-fakoltajiet mentali meħtieġa bil-liġi sabiex tkun tista' tapprezza dak li qegħda taħgmel u li mhux minnu li kienet għal kollox priva mill-volonta' tagħha minħabba l-allegat theddid.

5. Rat il-provi kollha mressqa mill-partijiet.

6. Rat li b'digriet tal-15 ta' April, 2015 din il-Qorti diversament presjeduta innominat bħala perit legali lil Dr Ian Vella Galea.

7. Rat li b'digriet tat-8 ta' Frar 2016 din il-Qorti diversament presjeduta innominat bħala espert mediku lil Dr Anthony Galea Debono.

8. Rat illi b'digriet tat-13 ta' Ottubru, 2016 din il-Qorti diversament presjeduta innominat bħala espert tekniku lil Dr Martin Bajada sabiex jagħmel analiżi tar-*recording* indikat fis-seduta tal-4 ta' Lulju, 2016 u "jinforma lil Qorti dwar il-verċita' tagħha qua recording u kemm-il darba kenitx soġġetta għal xi tip ta' *tampering* , u wara dan jagħmel kopja dattilografata għal din il-Qorti."

9. Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku Dr Martin Bajada ippreżentata fl-1 ta’ Frar, 2017 u maħlufa fit-22 ta’ Frar, 2017[1]. Il-perit tekniku ikkonkluda illi “mill-analisi li sar fuq l-oriġinal u cioe (Voice0002.amr) ma rriżulta l-ebda tip ta’ manipulazzjoni jew tbagħbis (tampering) fuq ir-reġistrazzjoni in ezami.”

10. Rat ir-rikors tal-perit legali u tal-perit mediku tal-5 ta’ April, 2021 fejn talbu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex l-espert mediku jistaqsi domandi lin-nutar li rrediġiet it-testment impunjat kif ukoll lix-xhieda li deheru fuq l-istess testment u cioe’ Dr Joe Cilia u Dr Rachael Samantha Muscat peress li sew in-Nutar Navarro kif ukoll Dr Cilia kienu xhedu qabel il-ħatra tal-espert mediku. Il-Qorti laqgħet it-talba b’digriet tas-7 ta’ April, 2021.

11. Rat ir-relazzjoni tal-perit mediku u tal-perit legali ippreżentata fl-10 ta’ Jannar, 2022[2], fejn ġie konkluż illi “jirriżulta li t-testatriċi kellha kundizzjoni li għamlitha inkapaċi milli tiehu hsieb hwejjigha fil-hin li sar it-testment, u kwindi kienet inkapaċi milli tiddisponi b’testment ai termini tal-Artikolu 597(d) tal-Kodici Civili.”

12. Rat l-eskussjoni magħmula mill-konvenuti lill-esperti ġudizzjarji.[3]

13. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi tat-30 ta’ Marzu, 2023[4] u n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti tad-9 ta’ Ġunju, 2023[5].

14. Semgħat it-trattazzjoni finali tal-abbli avukati tal-partijiet waqt is-smiegħ tal-15 ta’ Ġunju, 2023.

15. Rat l-atti kollha tal-kawża.

16. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

17. L-ewwel u qabel kollox il-Qorti tippuntwalizza illi għalkemm fil-premessi tagħhom l-atturi jallegaw illi t-testatriċi “kienet mhedda mill-konvenuti Zammit sabiex tiddisponi favurihom”; ma saret l-

[1] Fol. 231 et seq.
[2] Fol. 285 et seq
[3] Fol. 328 et seq
[4] Fol. 336 et seq.
[5] Fol. 367 et seq.

ebda talba f'dan ir-rigward. Għalhekk il-mertu huwa wieħed, l-allegazzjoni tal-atturi illi t-testatriċi "ma kinitx tippossjedi l-fakultajiet mentali tagħha" meta għamlet it-testment tagħha b'tali mod "li ma setgħetx tapprezza dak li qiegħda tagħmel."

18. Din hija azzjoni għat-tħassir ta' testment minħabba allegata inkapċita' mentali tat-testatriċi. L-atturi jispjegaw li t-testatriċi Anna Bugeja u żewġha Antonio Bugeja kienu għamlu testment unica charta fil-21 ta' Ottubru 1975 quddiem in-Nutar Franco Pellegrini li permezz tiegħu kienu ħallew lill-uliedhom eredi universali filwaqt li ħallew lil dawk minn uliedhom li jkunu għadhom xebbiet meta jiġi nieqes is-superstiti fosthom id-dritt ta' abitazzjoni tad-dar matrimonjali tagħhom fiż-Żurrieq u dan sakemm jibqgħu xebbiet. Jgħidu illi bit-testment tal-4 ta' Ottubru 2012 it-testatriċi Anna Bugeja ħassret kull testment li kienet għamlet qabel u ħalliet kollox b'titolu ta' prelegat lil bintha l-konvenuta Maria Lourdes Zammit, inkluż dawk l-assi li ma kienux kollha tagħha. Isostnu li t-testment tal-2012 huwa null għaliex il-kondizzjoni mentali tagħha dakinhar tat-testment kienet tali illi ma ħallitiex il-fakultajiet mentali meħtieġa sabiex tkun taf x'qegħda tagħmel. Għalhekk qed jitolbu t-tħassir tiegħu sabiex jiġi enforzat it-testment unica charta li t-testatriċi kienet għamlet preċedentment ma' żewġha li miet qabilha.

19. Il-konvenuti jilqgħu għal din l-azzjoni billi jsostnu illi dak allegat mill-atturi ma huwiex minnu għaliex it-testatriċi, skonthom, kellha l-kapaċita mentali li taf x'inhi tagħmel u li għalhekk kienet kapaċi tagħmel it-testment tagħha hawn impunjat.

20. Il-<u>fatti</u> li jirriżultaw mill-atti huma s-segwenti.

21. Il-partijiet huma kollha ulied it-testatriċi ħlief għall-atturi Caruana li huma ulied bint it-testatriċi li mietet qabilha filwaqt li l-konvenuti Clayton John Zammit u Antoine Paul Zammit huma ulied il-konvenuta l-oħra Maria Lourdes Zammit.

22. L-atturi xhedu permezz ta' affidavit. Ulied it-testatriċi xhedu li kienu familja magħquda u li ommhom kienet dejjem titratta lil uliedha kollha l-istess. Jirriżulta li t-testatriċi kienet tatha stroke u kienet tittieħed għat-terapija l-Isptar Zammit Clapp u wara l-Isptar Karen Grech (speech therapy, occupational therapy u physio therapy). Jgħidu illi l-istroke li kienet tat lill-ommhom kienet waħda severa li

ħalliet effett negattiv kbir fuq saħħet it-testatriċi tant li la kienet titkellem u lanqas tikkomunika. Nofs ġisimha spiċċa paraliżżat. Jgħidu illi xi sena wara li t-testatriċi kienet tatha stroke il-konvenuta Maria Lourdes Zammit kienet kelmet lin-Nutar Sandra Bugeja sabiex ommha tagħmlilha prokura ġenerali iżda din baqgħet ma saritx anke għaliex l-aħwa l-oħra oġġezzjonaw.

23. Jispjegaw l-atturi illi wara l-istroke l-unika kliem li kienet tlissen it-testatriċi kienu 'ehhh' u 'iva'.

24. L-**attriċi Jennifer Caruana,** li t-testatriċi tiġi n-nanna tagħha, eżebiet USB u xhedet li fir-recording kien hemm fost l-oħrajn il-vuci tad-defunta. Dan kien ittieħed fis-sajf tas-sena 2012 mit-tifel tagħha Ryan. Hija xhedet illi kienet viċina ħafna ta' nannitha. Tgħid li wara li nannitha sofriet minn puplesija kienet tmur taraha erba' jew ħames darbiet fil-ġimgħa, kemm meta kienet nannitha għadha toqgħod iż-Żurrieq kif ukoll meta l-konvenuta ħaditha toqgħod San Pawl il-Baħar. Tgħid li sakemm kienet għadha ħajja t-testatriċi hija kellha relazzjoni tajba ħafna mal-konvenuta. Kollox inbidel meta skoprew bit-testment mertu tal-kawża odjerna. Qalet li nannitha dejjem imxiet b'mod ugwali ma' uliedha.

25. L-atturi resqu bħala xhud lil **Miriam Cutajar[6], nursing aid ġewwa Zammit Clapp Hospital** meta t-testatriċi kienet rikoverata hemmhekk wara li tatha *stroke*. Din ix-xhud spjegat li kienet taf lit-testatriċi peress li waħda minn uliedha, l-attiċi Michelina Zerafa kienet toqgħod ħdejha u kienet ħabibha tagħha. Xhedet illi fiż-żmien li t-testatriċi kienwr Zammit Clapp hija spiss kienet tmur ħdejha. Tgħid illi "Communications ma kellha xejn ghax kienet (tagħtha) stroke …….. naħseb li kienet taghrafni, imma li titkellem xejn, xejn, xejn u kienet damet l-isptar."

26. L**-iSpeech language pathologist Priscilla Cassar** xhedet illi fil-professjoni tagħha hija tagħmel eżami tal-pazjent dwar il-komunikazzjoni u dwar l-abilita' tagħhom biex jieklu b'mod effettiv u mingħajr perikolu. Hija kienet eżaminat lit-testatriċi darba fit-13 ta' Frar 2009. Tgħid hekk: "Dik il-gurnata kellha diffikulta' biex tifhem dak li kont qed nghidilha u kellha diffikulta' biex tesprimi ruhha. Rigward l-ikel, setghet timmenigja liquidised diet u tickened fluids stage 4, konsistenza ta' yoghurt". Kompliet tispjega: "Illi

[6] Fol. 65 et seq.

meta staqsejtha domandi li jirrikjedu risposta iva jew le ma kienux reliable f'dik il-gurnata partikurali u dik il-gurnata wkoll kellha diffikulta' biex tifhem simple commands u ma setghetx tghid automatic speech pero' li rrakkomandajt kien li jsir further assessement ta' speech and language." Ikkonfermat li ma kenitx titkellem. Qalet pero' li dakinhar ma għamlitx eżami estensiv peress li l-priorita' dakinhar kienet li tara kemm kien safe sabiex tibla l-ikel sabiex terġa tibda tiekol. Spjegat li minħabba l-istroke "kellha naha wahda ta' gisimha li kienet ir-right side li ma tistax iccaqlaqha." Xhedet illi meta pazjent ma jkunx jista' jċaqlaq in-naħa tal-lemin ta' ġismu dan normalment jeffettwa id-diskors u 'comprehension'. Ix-xhud kienet eżaminat lit-testatriċi erbat ijiem wara li ddaħlet l-isptar minħabba l-istroke.

27. It-**Tabib Dr Antoine Vella**, xhed li huwa **Consultant Geratrician** li dam jara lit-testatriċi sa Awissu jew Settembru tas-sena 2012. Spjega illi wara l-puplesija ir-*receptive capacity* tagħha kien dokumentat bħala tmenin fil-mija (80%) u dan baqa' jitjieb sakemm kien kważi intatt. Kellha problema problema sabiex tesprimi ruħha bil-kliem u għalhekk hija kienet tikkomunika bl-użu ta' għajnejha, idejha u rasha. Ikjarifika illi *receptive capacity* hija differenti minn *cognitive capacity* li ma hiex il-mansjoni tiegħu iżda ta' psikjatra. Spjega wkoll illi li jkollok *cognitive capacity* tajba ma tfissirx li għandek *testamentary capacity* li tinkludi l-immaniġjar tal-ġid u l-kapaċita' li tagħmel testment.

28. It-**Dr James Pocock** xhed illi huwa speċjalizzat fil-fwied u fl-imsaren kif ukoll fil-mard tal-intern. Kien ra lit-testatriċi l-għada li ddaħlet l-isptar. Spjega li l-pazjenta kienet ġiet rikoverata l-isptar minħabba puplesija li taghtha fil-left hemisphere, in-naħa tax-xellug tal-moħħ. Dan deher f'CT scan li sar fit-13 ta' Frar 2009. Kompla jispjega li s-CT scan wera li l-pazjenta sofriet "extensive ischemic area, jigifieri area kbira ta' nuqqas ta' demm fejn ovvjament tkun parti mill-mohh li mietet tfisser dik, which involves the left front parietal region, jigifieri n-naha tax-xellug." Spjega li dik in-naħa tal-moħħ kienet minfuħa wkoll, "biċċa tal-moħħ mejta u nefha madwarha.... l-mohh ghandu tlett arterji li jissuplixxu, dik hija l-middle cerebral artery li tissuplixxi, dik tkun instaddet u peress li m'hemmx komunikazzjoni bejn l-arterji l-ohra, once li tinstadd dik l-arterja, dik l-area supplied b'dik l-arterja tmut". L-effett ikun puplesija. Stabbilixxa wkoll li l-

pazjenta meta tiekol twaqqa l-ikel minn ħalqa ghax ma setghatx tibla sew. Kien għalhekk li ordnalha d-drip kif ukoll terapija u sabiex tigi trasferita Zammit Clapp ghal dak il-għan. Spjega illi skond in-notamenti li hemm fil-file, it-terapista kiteb illi l-pazjenta kienet qed tmur għal aħjar iżda ddeskriva l-kondizzjoni bħala "severe expressive aphasia" ie. il-pazjent jifhem pero' ma jistax jitkellem. F'dik il-kondizzjoni l-pazjent jikkomunika bis-sinjali jew inkella jrid jiġi mistoqsi domandi diretti u jirrispondi iva jew le. "Il-problema ta' aphasia is al language problem, il-mohh ikun tilef l-abbilta' li jinterpreta l-hsejjes li qed naghmlu b'halqna jew bil-kitba ghax ukoll bil-kitba ma jkunx jista' jinterprethom dawk is-sinjali tal-kitba jew tal-ispeech, jew biex titkellem jew biex tifimhom, jew it-tnejn." Imma kienet kapaci tifhem dak li tgħidilha. Spjega li min ikollu problema tal-expressiv aphasia mhux eskluż li jieħu deċiżżjonijiet pero' kompla jgħid illi r-rapport tas-CT scan wera li t-testatriċi kellha "a massive extensive ischemic area, jigifieri area kbira involving the fronto, jigifieri jista' jkun hemm affarijiet ohra dazgur li gew affettwati..." Spjega li l-ħsara li tkun saret lill-moħħ tkun irriversibbli ħlief in-nefħa li semma qabel. Ikkonkluda billi qal li mhux eskluż li dik il-kundizzjoni tmur għall-aħjar.

29. Xhed it-**Tabib Raymond Sciberras** li t-testatriċi kienet ilha pazjenta tiegħu għal xi erbgħin sena. Qal li huwa għamlilha l-eżami billi jistaqsiha rigward il-ħin, il-ġurnata, kemm għandha żmien sabiex jistabbilixxi li kienet "konxja kompletament". Spjega li waqt l-eżami mediku tiegħu it-testatriċi ma tkellmitx iżda irrispondiet bis-sinjali, billi tindika jekk hux qed tirrispondi iva jew le. Ikkonferma li l-puplesija kienet effetwatilha id-diskors u għalhekk ma setgħatx titkellem. Li għamel kien billi d-domandi tiegħu isaqsiha jekk riditx tħalli l-affarijiet lil persuna partikolari u hi tirrispondi iva jew le. Qal illi "Mid-domandi li ghamiltilha. Jiena naf li din ghandha raguni ghaliex, ghax dejjem hi kienet tiehu hsiebha..... Trid turiha, kien hemm it-tifla, ghax jiena mat-tifla rajtha." Għal Dr Scerri it-testatriċi kienet qed tifhmu il-ħin kollu. Ikkonferma li sabiex għamliha dan l-eżami huwa kien qed jissuġġerilha. Qal ukoll li kienet il-konvenuta li talbitu jagħmel dan l-eżami biex jinħareġ ċertifikat mediku għaliex ommha riedet tagħmel testment. Xhed illi kienet tikkomunika bis-sinjali. Ikkonferma li t-testatriċi ma kenitx irkuprat mill-puplesija sakemm mietet.

30. Xhed **Alex Gobey, speech therapist** li kien assista lit-testatriċi għal xi tlett xhur minn Frar 2009 meta daħlet Zammit Clapp. Jgħid li setgħat tgħid kelma kelma b'diffikulta', filwaqt li certi kliem, diskors kumpless kien ikun diffiċli għaliha, "kienet tifhem sa affarijiet semplici imma biex tithadded kien hemm diffikulta' li tghid din il-kelma kelma." Il-problema prinċipali tagħha kienet sabiex tipproċessa l-kliem. Jgħid li bit-terapija l-pazjenta marret għal aħjar pero' ma ġietx kif kienet qabel il-puplesija.

31. Xhed **Daniel Goggi, il-physiotherapist** tat-testatriċi meta kienet Zammit Clapp kif ukoll Demis Cachia l-occupational therapist fejn spjegaw li għalkemm kellha diffikulta' biex titkellem kienet tifimhom.

32. Ix-xhud **Maria Claudia Maniscalco** xhedet li kienet in-**nurse** tat-testatriċi meta kienet Karen Grech Hospital. Hija damet in-nurse tagħha bejn sentejn u tlett snin. Spjegat li l-puplesija tat-testatriċi kienet qawwija u li minħabba fiha ma kenitx titkellem. "Kull ma kont nghidilha kienet tifhmu. Taghti b'rasha per kazu iva jew le."

33. Xhedet in-**Nutar Antonella Navarro**[7], in-nutar li quddiemha sar it-testment impunjat. Spjegat li hi, in-Nutar Joe Cilia u n-Nutar Rachel Samantha Muscat jaħdmu fl-istess uffiċju. Spjegat illi kienet marret tagħmel it-testmet f'penthouse f'San Pawl il-Baħar fejn kien hemm it-testatriċi u l-konvenuta Maria Lourdes Zammit. In-Nutar Navarro xhedet illi kienet ħadet magħha il-computer u portable printer. Xhedet illi meta marret f'din il-penthouse fetħitilha l-konvenuta Maria Lourdes Zammit li qaltilha li kienet ser tħalliha waħedha mat-testatriċi u li fil-fatt Zammit ħarġet fuq it-terazzin. Kienet taf minn qabel ma marret għall-appuntament illi kienet ser tagħmel testment. Tgħid li kienet damet tagħmel dan it-testment. Tgħid li kienet ġiet mogħtija numru ta' dokumenti fosthom it-testment preċedenti tagħha u ċertifikat mediku iżda ma tiftakarx min kien għaddiomlha. Fuq domanda jekk it-testatriċi kelmitiex irrispondiet hekk:

"It-testatriċi kienet qed titkellem pero mhux car. Pero jiena stajt nifhimha. Bhal meta ghandek tifla ta' tliet snin u titkellem hekk. Niftakar li stajt nifimha u kienet car f'dak li riedet [t]għid. Jiena bdejt insaqsi jekk kienet certa li riedet thalli lil Maria Lourdes Zammit. Jiena staqsejtha hafna mistoqsija u hija bdiet tirrispondi u pruvajt

[7] Fol. 155 et seq.

ingibha daharha mal-hajt biex jien nkun certa li riedet taghmel dak li kienet qed tghid."[8]

34. Mistoqsija jekk it-testatriċi semmitiliex ismijiet tgħid "Jien ma niftakarx kif semmietli l-ismijiet jew le ghaliex ilu sentejn u ma niftakarx pero' niftakar li staqsejtha hafna mistoqsijiet u kienet kapaci twegibni ghal kull mistoqsija u kienet cara f'dak li tixtieq." Mistoqsija jekk intużawx ritratti ta' ulied it-testatriċi sabiex tkun tista' tipponta lejhom irrispondiet "Ma nafx jekk kienx hemm ritratti jew le...... Pero' kienet cara hi fuq l-ulied. Il-hin kollu, anki bdiet thares 'il barra u titfa l-bews 'il barra lit-tifla....It-tifla ma kinitx qieghda thares sincerament pero' il-hin kollu thares 'il barra u titfa l-bews 'il barra...." Aktar 'il quddiem fix-xhieda tagħha tgħid illi ritratti tat-tfal esebiti quddiemha ma kienx hemm. Dwar minn fejn ġabet id-dettalji tal-proprjetajiet imsemmija fit-testment ix-xhud qalet li "Probabli gibthom minn fuq il-karti li kien hemm pero' jien bdejt insaqsiha. Ergajt irrepetejt, m'hinix se naghmel legato di cosa altrui u kull meta bdejt insaqsiha u ngibha b'darha mal-hajt dejjem baqghet issostni u tirrabja. Sahansitra baqghet trid tara anki d-deheb u sal-ahhar li ffirmajna, ghamilna testment u x'hin ghajjtet lit-tifla riditha ggib il-kaxxa tad-deheb biex zgur tkun certa u tikkonferma li d-deheb se tiehdu hi."

35. Mistoqsija fejn kienet il-kaxxa tad-deheb in-nutar irrispondiet illi ma tafx għaliex kien sarilha l-ħin u telqet, "Ghidtilha le m'ghandix ghalfejn nara, lilha serrahtilha rasha ta' xiex setghet taghmel...". Xhedet illi għalkemm ingħatat ċertifikat mediku sabiex jiġi anness mat-testment xorta waħda riedet tassigura li t-testatriċi kienet taf x'inhi tagħmel.

36. Xehd in-**Nutar Joe Cilia,** li mistoqsi jekk it-testatriċi kenitx titkellem b'mod normali irrisponda illi "Ma tistax tgħid normali ghax niftakar li kienet miskina tbati ftit forsi biex titkellem iktar. Pero' kienet cara hafna f'dak kollu li tghidlek."[9] Xhed illi ladarba hemm id-dettalji tal-proprjetajiet fit-testment dawn wisq probabli tkun identifikathom it-testatriċi. L-istess fir-rigward tal-ulied u l-eredi. Mistoqsi jekk id-dettalji dwar id-deheb, fidda u ħaġar prezjuż kienux ġew mogħtija mit-testatriċi huwa qal "Nassumi li hekk hu".

[8] Fol. 157
[9] Fol. 157K

37. In-**Nutar Sandra Bugeja** xhedet illi tiftakar li bil-konsapevolezza tal-aħwa kollha hija kienet għamlet prokura speċifika u mhux ġenerali mit-testatriċi a favur il-konvenuta sabiex tkun tista' ssarraf ic-cheque tagħha tal-pensjoni. Xhedet illi sussegwentement il-konvenuta kienet talbet li ssirilha prokura ġenerali pero' l-aħwa l-oħra ma kienux qablu u l-prokura ġenerali ma saritx.

38. Xhedet il-**konvenuta Maria Lourdes Zammit**. Qalet li ommha kienet ilha fuq sena li xtaqet tirranġa t-testment tagħha. Kienet ommha li bħala nutar xtaqet jew lin-Nutar Antonella Navarro jew lin-Nutar Joe Cilia. Spjegat li mhux hi ċemplet lin-nutar għall-appuntament iżda binha l-konvenut Clayton Zammit, pero' bil-kunsens ta' ommha. Dwar il-kondizzjoni ta' ommha kkonfermat li ommha ma kenitx tikkomunika verbalment iżda xorta waħda kienet tinftiehem. Xhedet illi kienet ħadet lill-ommha għand it-Tabib Raymond Sciberras xi ħmistax-il jum qabel sar it-testment għaċ-ċertfikat mediku li eventwalment ġie anness mat-testment. Esebiet USB b'videos, ritratti u recordings fejn tidher jew tinstema t-testatriċi.

39. Xhedu wkoll **Rita Borg** li kienet tmur għand it-testatriċi bħala ħelper kif ukoll l-**attriċi Josephine Marmara.**

40. L-**espert mediku Dr Anthony Galea Debono u l-perit legali Dr Ian Vella Galea** ippreżentaw ir-rapport tagħhom fl-10 ta' Jannar 2022 u sussegwentement irrispondew għad-domandi in eskussjoni. L-esperti irrelataw illi fil-fehma tagħhom it-testatriċi "kellha kundizzjoni li ghamlitha inkapaci milli tiehu hsieb hwejjigha fil-hin li sar it-testment, u kwindi kienet inkapaci milli tiddisponi b'testment ai termini tal-Artikolu 597(d) tal-Kodici Ċivili." In eskussjoni l-espert mediku spjega illi "d-defunta kellha severe expressive dysphasia, li tista' tgħid kien kwazi *aphasia*, u anke *marked receptive dysphasia*. Mill-videos in atti jirrizulta li d-defunta setghet tifhem biss mistoqsijiet u ordnijiet basici u semplici u riedet hafna ghajnuna u *prompting* sabiex tifimhom u ghalhekk hu improbabbli hafna li setghet tifhem il-kontenut u l-implikazzjonijiet tat-tesment in kwistjoni."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

41. **Artikolu 587 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi illi:

"Huma inkapaċi li jiddisponu b'testment,

(d) dawk li, għalkemm mhux interdetti, ikunu persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom fil-ħin li jsir it-testment;"

42. Il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali dwar il-mertu tal-kawża neċessarjament jirreferu għall-kondizzjoni mentali tat-testatriċi fiż-żmien li għamlet it-testment hawn impunjat mill-atturi. It-talba prinċipali tal-atturi hija sabiex il-qorti tiddikjara li meta d-defunta Anna Bugeja għamlet it-testment tagħha fl-4 ta' Ottubru, 2012 "ma kinitx tipposjedi l-fakultajiet mentali tagħha b'mod li ma setghetx tapprezza dak li qiegħda tagħmel."

43. Bħala punt ta' tluq tajjeb li jiġi sottolineat illi jibqa' dejjem prinċipju ta' dritt li parti li tistitwixxi kawża għandha l-oneru li tipprova sodisfaċentement dak li tkun ddikjarat fil-premessi tagħha bħala preludju u fondament għat-talbiet attriċi. Dan in linea ma' dak li jipprovdi **artikolu 562 tal-Kap. 12** illi: "....l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah". In-nuqqas li parti attriċi teżegwixxi tali oneru għandu jwassal għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi in linea mal-massima legali *actore non probante reus absolvitur.* Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova" (**Howard Willey et. v. Vincent Vella** - Prim' Awla - 14 ta' Jannar, 2016)

44. Għalkemm fil-kamp ċivili mhuwiex mistenni li l-attur jipprova l-każ tiegħu lil hinn mid-dubju dettat mir-raġuni, fl-istess ħin huwa mistenni illi l-provi jkunu tali li jnisslu f'min irid jiddeċiedi dak il-konvinċiment morali meħtieġ li l-provi għandhom mis-sewwa

(**Nancy Caruana v. Odette Camilleri** - Appell Superjuri - 27 ta' Frar, 2004).

45. Huwa biss meta l-attur jirnexxielu jressaq provi konvinċenti dwar il-pretensjoni tiegħu li jiskatta fuq il-konvenut l-oneru li jressaq provi konvinċenti li jikkuntrastaw dawk tal-attur (**Joe Chetcuti et. v. Joseph Pearson et. noe.** - Appell Superjuri - 5 ta' Ottubru, 1998).

46. Dwar l-evalwazzjoni tax-xhieda mressqa mill-partijiet li tkun f'konflitt, huwa miżmum illi "Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lill-attriċi milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha. (**Emanuel Ellul v. Anthony Busuttil** - Appell Inferjuri - 12 ta' Jannar, 2001).

47. Rilevanti għall-każ odjern huma l-konsiderazzjonijiet magħmula fis-sentenza **Angelo Abela et. v. George Abela et** mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Novembru, 2018 u konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2023, dwar il-priċipji regolanti l-evalwazzjoni tal-provi b'mod partikolari f'kawżi fejn jiġi impunjat testment minħabba debilita' mentali:

> "…….. dawn il-prinċipji jridu jinqraw u jinftehmu fil-qafas tal-prinċipji li ġew stabbiliti mill-Qrati tagħna fil-każi ta' impunjazzjoni ta' atti testamentarji minħabba l-allegata inkapaċità mentali tat-testatur. Tajjeb ukoll li wieħed jisħaq li l-eżami jrid isir b'riferenza għall-waqt li fih kien qiegħed isir it-testment impunjat u li l-fatt magħruf li t-testatur seta' kien ibati minn xi kundizzjoni jew qagħda li tista' taffettwalu l-kundizzjoni

ta' moħħu mhijiex determinanti biex b'hekk biss tipprova li, meta sar it-testment, dak it-testatur ma kienx jaf x'qiegħed jagħmel jew x'qiegħed isir;"

"Illi rigward l-istat mentali tat-testatur, huwa stabbilit li (a) il-kapaċità hija r-regola u l-inkapaċità hija l-eċċezzjoni. Għalhekk il-preżunzjoni 'juris tantum' hija favur il-kapaċità li persuna tagħmel testment, u l-kuntrarju jrid ikun ippruvat kif imiss. Dan kien is-sies tal-prinċipju tal-*favor testamenti* li huwa wieħed mill-ewlenin fil-qasam tat-tifsir u t-tħaddim tat-testmenti bħala xhieda tal-aħħar rieda ta' min ikun għamilhom. Ingħad li kemm jista' jkun, it-testment kellu jiġi meqjus bħala validu, pjuttost milli null: *potius ut valeat quam ut pereat*. Għalhekk it-testatur għandu jitqies li għamel it-testment bir-rieda ħielsa tiegħu u b'hekk kwalunkwe allegazzjoni dwar is-siwi tat-testment titlob li tkun ippruvata b'mod xieraq minn min iqanqal id-dubju dwar is-siwi ta' dak l-att. Fit-tieni lok, (b) tkun inkapaċi milli tagħmel testment dik il-persuna li, fi żmien ta' l-att, ma tkunx f'sensiha, u l-inkapaċità għandha tiġi ppruvata minn min irid iwaqqa' l-att. Fit-tielet lok, (ċ) biex persuna tkun kapaċi tagħmel att, mhemmx il-ħtieġa li tkun perfettament u rigorożament sana minn moħħha: jkun biżżejjed li l-persuna jkollha l-użu tar-raġuni fi grad tali li tippermettilha tkun taf x'inhi tagħmel. Fir-raba' lok, (d) biex jiġi stabbilit li persuna mhix f'sensiha, hemm il-ħtieġa li jirriżultaw indizji gravi. Fil-ħames lok, (e) il-Qrati tagħna kienu kontra li jilqgħu talba biex jitħassar testment jekk ma jirriżultax b'mod ċert, minn fatti preċiżi u li ma jħallu ebda dubju, u ma jkunx ġie ppruvat li l-inkapaċità kienet teżisti fil-ħin li l-persuna qiegħda tagħmel l-att;"

"Illi rigward il-prova li hija meħtieġa li tinġieb minn min jixli n-nuqqas ta' kapaċità mentali f'testatur, jingħad li din taqa' fuq żewġ binarji: l-ewwel, irid jiġi ppruvat li t-testatur tabilħaqq kien ibati minn vizzju. It-tieni illi l-vizzju kien jissussisti fil-ħin tat-testment jew fi żmien l-aktar qrib ta' meta sar it-testment;"

48. Dwar jekk ir-razzjonalita'/raġjonevolezza jew nuqqas tagħha fid-disposizzjonijiet testamentarji hiex rilevanti f'kawża ta' impunjazzjoni ta' testment, inżamm li r-razzjonalita' hija rilevanti għalkemm mhux neċessarjament determinanti. In-nuqqas ta' razzjonalita' oġġettiva fil-kontenut ta' testment ittendi tissostanzja allegazzjoni li testatur m'għandux il-kapaċita mentali li jagħmel testment.

49. F'dan ir-rigward inżamm fis-sentenza **Carmen Micallef et. v. Madalena Galea et.** mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' April, 2013 illi:

> "L-istess principju jassumi aktar importanza meta` r-razzjonalita` tad-dispozizzjonijiet testamentarji huma wkoll motivati: Fi **Grech vs Dimech,** XV-55-95, inghad: "Il miglior criterio per stabilire la sanita` della mente del testatore, sono al certo la ragionevolezza delle sue disposizione, specialmente quando queste sono accompagnate dalla espressione delle ragioni date dal testatore nell'atto della fazione del testamento al funzionario incaricato della sua redazione, le quali si riconoscessero ragionevoli e savie". F'**Cassar vs Cassar**: Vol: XXVIII, Pt. 11, P.393 inghad: "Il miglior criterio sulla capacita` mentale del testatore e` la ragionevolezza delle sue disposizioni, specialmente quando il testatore ne avesse indicato le ragioni riconosciuti poi ragionevoli e savie". Anqas hu necessarju li jigi pruvat li kien hemm giusta kawza fid-dispozizzjonijiet, basta tali dispozizzjonijiet huma razzjonali. Infatti f'**Pirotta vs Carbonaro**: Vol. XXII, Pt. 1, P.88 inghad: "Uno dei criteri della sanita` mentale del testatore e` la ragionevolezza delle sue disposizioni e nella disposizione testamentarie non e` necessaria la prova di una giusta causa." F'John **Pace vs Carmela Chircop,** 04/06/1964 inghad li: "Id-diperiment fisiku u x-xjuhija wahidhom ma jwaqqghux il-possess normali ta' "a sound disposing mind" li trid il-ligi. Jistghu biss, flimkien ma' cirkostanzi ohra, jkollhom influenza fuq il-"libertas testandi" rikjesta barra kapacita' intellettwali. L-esperjenza tal-hajja turi li l-percezzjonijiet mentali jibqghu ta' spiss jixghalu fil-bniedem anki fl-ahhar sighat ta' hajtu ghalkemm ir-resistenza tieghu ghac-cirkonvenzjonijiet ta' hadd iehor tista' tigi ferm imnaqqsa." Ghalhekk il-Qorti hasset li t-tesment jista' ma jkunx null taht l-aspett ta' kapacita` mentali izda jigi annullat minhabba inosservanza tal-formalitajiet essenzjali preskritti mil-ligi kif ukoll minhabba l-kaptazzjoni u suggestjoni (ara Bonavia vs Bonavia, 20/10/1971). Din il-Qorti kif presjeduta pero` thoss li jekk id-dispozizzjonijiet ma humiex razzjonali, dan normalment ghandu jwassal ghall-konkluzjoni li t-testatur ma kienx f'sensih fil-mument li ghamel it-testment (ara wkoll **Agius vs Muscat,** XVII Pt II pg 5 fejn gie ritenut li "la irragionevolezza delle disposizioni del testamento puo` contribuire assieme ad altri fatti al criterio circa la insanita` mentale del disponente"); izda kuntrarju mhux necessarjament iwassal ghall-konkluzjoni li kien f'sensih u dan minhabba l-fatt li l-istess Nutar li jkun qed jirredigi t-testment f'sens ta' dover lejn xogholu spiss jiprova li jaghmel kemm

jista' jkun cari l-imsemmija dispozizzjonijiet, imqar fil-forma, kif certament jekk ikun hemm xi haga daqshekk stramba jidiskuti mal-istess testatur il-konsegwenzi ta' dik id-dispozizzjoni. Ghalhekk it-teorija tar-razzjonalita` tad-dispozizzjonijiet testamentarji spiss mhix sufficjenti biex wiehed jikkonkludi l-validita` ta' testment. Ta' min jinnota li l-istess legislatur ma nkludiex din bhala wahda mill-kundizzjonijiet fl-artikolu 597."

50. Fl-istess sentenza appena ċitata ġew elenkati il-konsiderazzjonijiet li għandhom jiġu meqjusa meta ġudikant huwa msejjaħ jiddeċiedi jekk jirriżultawx l-estremi sabiex testment jiġi annullat minħabba allegazzjoni li t-testatur ma għandux il-fakultajiet mentali meħtieġa sabiex jiddisponi minn ħwejġu permezz ta' testment:

Meta tqis il-fatturi kollha hawn fuq imsemmija, din il-Qorti kif presjeduta thoss li l-kwistjoni dwar kapacita` testamentarja ghandha tigi regolata kif gej:

1. Li l-kapacita` testamentarja hija r-regola u l-inkapacita` hija l-eccezzjoni; ghalhekk l-inkapacita` jekk ma tkunx irrizultat b'mod cert minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li t-testatur kien qieghed jaghmel it-testment, it-testment ma jistax jigi mhassar; biex tigi stabbilita l-insanita` mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw indizji gravi;

2. Li a tenur tal-Kap 16 art 597 (d) huma inkapaci li jiddisponu b'testment dawk li ghalkemm mhux interdetti ma jkunux f'sensihom fiz-zmien tat-testment;

3. Meta testatur jaghmel testment irid jifhem l-effetti tat-testment, in-natura u valur tal-proprjeta` li qieghed jiddisponi minnha, min huma l-qraba, hbieb u nies li haqqhom jibbenefikaw mill-proprjeta` tieghu kif ukoll li japprezza u jikkompara dak li ghandu jhalli lil kull wiehed u wahda minnhom.

4. Li testatur ikollu intellett u volonta` li jifhem l-azzjonijiet li jkunu qed jezercitaw in-nies ta' madwaru u ghandu l-kapacita` li jilhaq intenzjonijiet specifici;

5. Ir-razzjonalita` tal-kontenut tat-testment mhux bizzejjed biex juri li hemm kapacita` testamentarja izda n-nuqqas ta' razzjonalita` spiss iwassal ghall-konkluzjoni li t-testatur ma kellux *sound mind.*

6. Li biex wiehed jaghmel testment ma hemmx bzonn "una mente perfettamente e rigorosament sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permetta la coscienza di cio` che si fa; e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori si deve aver riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentarie" (ara sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Turin ta' l-4 ta' Frar, 1871);

51. Meqjusa l-liġi u l-ġurisprudenza rilevanti għall-każ odjern il-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet segwenti.

**Il-Kondizzjoni Mentali tat-Testatriċi fil-Mument li għamlet it-Testment impunjat.**

52. L-inkapaċita' testamentarja tista' tirriżulta sew minn diżordni mentali, sew minn kundizzjoni oħra li l-liġi ma tispeċifikax b'dan illi kull każ irid jiġi trattat skond il-fattispecie partikolari tiegħu. Kwalunkwe kundizzjoni, sew diżordni mentali sew kundizzjoni oħra, trid tkun tali li tagħmel li dik il-persuna inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha b'mod partikolari fil-ħin li jsir it-testment. Isegwi għalhekk illi sabiex persuna titqies li ma kelliex il-fakoltajiet mentali idonei sabiex tagħmel testment mhux meħtieġ li tabilifors li jiġi stabbilit li kellha diżordni mentali. Mill-banda l-oħra pero' il-kundizzjoni oħra li ma hiex diżordni mentali trid per neċessita' tolqot il-fakoltajiet mentali tal-persuna li jimpeduwha mill-kapaċita' "di intendere e volere". Dan għaliex kull testment huwa dejjem meqjus mera ta' dak li t-testatur ried f'dak il-mument li jsir minn ġidu wara mewtu.

53. Il-Qorti innominat bħala espert mediku lill-konsulent neuroloġiku Dr Anthony Galea Debono sabiex jirrelata dwar jekk mill-provi mressqa jirriżultax jekk it-testatriċi kelliex il-kapaċita' mentali li tagħmel testment. Fil-fehma tal-epert mediku t-testatriċi ma kentix kapaċi tagħmel testment f'Ottubru 2012. L-espert mediku u l-perit legali irrelataw illi t-testatriċi "kellha kundizzjoni li ghamlitha inkapaci milli tiehu hsieb hwejjigha fil-hin li sar it-testment, u kwindi kienet inkapaci milli tiddisponi b'testment ai termini tal-Artikolu 597(d) tal-Kodici Ċivili." In eskussjoni l-espert mediku spjega illi "d-defunta kellha *severe expressive dysphasia,* li tista' tgħid kien kwazi *aphasia*, u anke *marked receptive dysphasia*. Mill-videos in atti jirrizulta li d-defunta setghet tifhem biss mistoqsijiet u ordnijiet basici u semplici u riedet hafna ghajnuna u *prompting* sabiex tifimhom u ghalhekk hu

improbabbli hafna li setghet tifhem il-kontenut u l-implikazzjonijiet tat-tesment in kwistjoni."

54. Il-Qorti hija rinfaċċjata min-naħa bix-xhieda tat-tabib tal-familja fiż-żmien li t-testatriċi għamlet it-testment tagħha fejn jiċċertifika li t-testatriċi kienet kapaċi tagħmel testment; u min-naħa l-oħra bir-relazzjoni tal-perit mediku fejn irrelata li fil-fehma tiegħu it-testatriċi kienet inkapaċi li tagħmel testment minħabba l-kondizzjoni medika li kienet tbati minnha.

55. In tema legali, inżamm mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tad-19 ta` Novembru 2001 fl-ismijiet **Joseph Calleja noe. V. John Mifsud** illi**:**

> "Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova."
>
> In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista` taghmlu b`mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha trid tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami ("**Grima vs Mamo et noe"** – Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998).
>
> Il-qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kenetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ("**Cauchi vs Mercieca**" – Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 u "**Saliba vs Farrugia"** – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000).

Il-*giudizio dell`arte* espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli" – ("**Bugeja et vs Muscat et"** – Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

56. Kif rajna kien fi Frar 2009, kważi erba' snin qabel għamlet it-testment impunjat, li t-testatriċi sofriet minn puplesija. Dak li sofriet minnu t-testatriċi ġie spjegat b'mod dettaljat u ċar minn Dr James Pocock li ezamina lit-testatriċi meta d-daħlet l-isptar minħabba l-puplesija u sarilha CT scan ta' rasha. Skond Dr Pocock it-testatriċi sofriet "extensive ischemic area, jigifieri area kbira ta' nuqqas ta' demm fejn ovvjament tkun parti mill-mohh li mietet tfisser dik, which involves the left front parietal region, jigifieri n-naha tax-xellug." Spjega li dik in-naħa tal-moħħ kienet minfuħa wkoll, "biċċa tal-moħħ mejta u nefha madwarha...." Spjega li f'dik il-kondizzjoni l-pazjent jikkomunika bis-sinjali jew inkella jrid jiġi mistoqsi domandi diretti u jirrispondi bis-sinjali iva jew le. Xhed illi l-pazjenta kienet kapaċi tifhem li tgħidilha pero' tirrispondi bis-sinjali.

57. Fis-sena li tatha l-puplesija ġiet ukoll kurata mill-konsulent gerjatriku Dr Antoine Vella li dam jara lit-testatriċi sa' Awissu jew Settembru tas-sena 2012. Spjega illi wara l-puplesija ir-*receptive capacity* tat-testariċi kien dokumentat bħala tmenin fil-mija (80%) u dan baqa' jitjieb sakemm kien kważi intatt. Kellha problema sabiex tesprimi ruħha bil-kliem u għalhekk hija kienet tikkomunika bl-użu ta' għajnejha, idejha u rasha. Ikjarifika illi *receptive capacity* hija differenti minn *cognitive capacity* li ma hiex il-mansjoni tiegħu iżda ta' psikjatra. Spjega wkoll illi li jkollok *cognitive capacity* tajba ma tfissirx bilfors li għandek *testamentary capacity* li tinkludi l-immaniġjar tal-ġid u l-kapaċita' li tagħmel testment.

58. Bla dubju, f'kawża ta' din ix-xorta hija ta' importanza u rilevanza massima it-testimonjanza ta' dak il-membru tal-professjoni medika li jkun irrilaxxja ċertifikat mediku speċifikatament sabiex jiċċertifika l-istat ta' saħħa mentali tat-testatur fiż-żmien prossimu qabel sar it-testment. It-tabib tal-familja tat-testatriċi kien it-Tabib Raymond

Sciberras. Kienet ilha pazjenta tiegħu għal madwar erbgħin sena. Xi ġimgħatejn qabel ma sar it-testment impunjat huwa kien ġie mitlub jeżamina lit-testatriċi bl-iskop li jirrilaxxja ċertifikat mediku li kapaċi tagħmel testmenmt. Dr Sciberras eżamina lit-testatriċi fit-3 ta' Ottubru, 2012 u r-rilaxxja ċertifikat li jaqra kif isegwi:

> *"Biex niċċertifika illi Anna Bugeja ta' 78 sena (ID....) u li toqghod ..... hija mentalment kapaċi li tagħmel testment."*

59. Tajjeb li jsir aċċenn għal dak li xhed dwar l-eżami mediku minnu kondott sabiex irrilaxxja dak iċ-ċertifikat. Spjega illi saqsiha rigward il-ħin, il-ġurnata, kemm għandha żmien u dan sabiex jistabbilixxi li kienet "konxja kompletament". Spjega li waqt l-eżami mediku it-testatriċi ma tkellmitx iżda irrispondiet bis-sinjali, iva jew le. Li għamel kien billi d-domandi tiegħu isaqsiha jekk riditx tħalli l-affarijiet lil persuna partikolari u hi tirrispondi iva jew le. Qal illi "Mid-domandi li ghamiltilha. Jiena naf li din ghandha raguni ghaliex, ghax dejjem hi kienet tiehu hsiebha..... Trid turiha, kien hemm it-tifla, ghax jiena mat-tifla rajtha." Għal Dr Sciberras it-testatriċi kienet qed tifhmu il-ħin kollu u peress li kien jaf illi l-konvenuta kienet qed tieħu ħsiebha kien jaf li kellha raġuni għaliex riedet tħalli ġidha kollu lill-konvenuta. Xhed illi sabiex seta' jagħmlilha dak l-eżami huwa kien qed jissuġġerilha. Kien jaf illi mill-puplesija ma kenitx irkuprat.

60. Fil-fehma tal-Qorti ix-xhieda tat-Tabib Sciberras, li anke l-espert mediku ħa konjizzjoni tagħha, ma tiddimostrax li t-testatriċi kellha l-fakolta' mentali li kienet kapaċi tieħu ħsieb ħwejjiġha. Jekk it-Tabib Sciberras deherlu li qed jagħmel eżami kliniku idoneu sabiex jistabbilixxi it-*testamentary capacity* tat-testatriċi billi jsaqsiha jekk tridx tħalli ġidha kollu lill-konvenuta preżenti ħdejha, il-Qorti ma tqisx illi dak huwa l-mod kif għandu jsir l-eżami kliniku sabiex jiġi stabbilit hemmx jew le *testamentary capacity.* It-Tabib Sciberras iġġustifika l-mod kif ikkonduċa l-eżami min-naħa tiegħu peress li qal li kien jaf li l-konvenuta kienet qed tieħu ħsiebha u li għalhekk riedet tħallilha ġidha kollu. Iċ-ċertifikat mediku li irrilaxxja sabiex jiġi anness mat-testment hu xott għal-aħħar, letteralment ħames kelmiet "hija mentalment kapaċi illi tagħmel testment".

61. Rilevanti wkoll jiġi osservat illi irriżulta li Dr Sciberras ma eżaminax lit-testatriċi dakinhar tat-testment jew lejliet, imma xejn anqas minn ġimagħtejn qabel. Dan għandu rilevanza massima fil-każ in kwistjoni

peress illi ftit wara li sar it-testment it-testatriċi iddaħlet b'emerġenza l-isptar f'kundizzjoni kritika.

62. It-**Tabib Alex Gatt**, **medical officer fl-Image Department fl-isptar,** xhed illi huwa lit-testatriċi qatt ma ra iżda ra l-images meħudin l-isptar. Mill-file seta' jgħid illi t-testatriċi kienet daħlet l-isptar fis-6 ta' Novembru, 2012[10] b'uġigħ f'żaqqa. Minn CT scan irrizulta li kemm zaqqha kif ukoll il-musrana ż-żgħira kienu minfuħa ħafna. Spjega illi apparti l-puplesija kienet tbati minn kundizzjonijet mediċi oħra fosthom il-pressjoni; *congestive heart failure*; prolemi fil-kliewi, HR fibrillation ie. il-qalb mhux qed taħdem sew ie. mhux qed tippompja d-demm kif suppost kif ukoll aortic stenois ie. l-arterja prinċipali ħierġa mill-qalb kienet djieqet. Dawn joħolqu problemi kbar fuq il-qalb u fuq iċ-ċirkolazzjoni tad-demm. Kellha ilma fil-pulmun u ilma f'zaqqa. Ġiet operata dakinhar stess u wara ittieħdet fl-ITU. Ġiet ċertifikata bħala 'a high risk patient'.

63. Ix-xhieda ta' Dr Alex Gatt hija ta' rilevanza massima peress li jagħti stampa ċara tal-kondizzjoni medika tat-testatriċi ġimgħa wara li sar it-testment li inneċessitat li tiġi rikoverata fit-taqsima tal-kura intensiva. Indikazzjoni ċara illi f'dawk l-aħħar ġimgħat il-kondizzjoni medika tat-testatriċi kienet qed tmur mill-ħażin għal agħar.

64. Il-Qorti ma ssibx raġuni għaliex għandha twarrab il-fehma espressa mill-espert mediku. Qabel ma wasal għall-konklużżjonijiet tiegħu l-espert mediku kellu l-opportunita' li jeżamina ix-xhieda kollha mressqa mill-partijiet, b'mod partikolari tat-tobba kollha li xhedu inkluż tat-tabib tal-familja tat-testatriċi; jeżamina il-kontenut tal-files mediċi tat-testatriċi kif ukoll recordings anke viżwali tat-testatriċi.

65. Opportun jiġi puntwalizzat illi rinfaċjati bil-konklużżjonijiet tal-perit mediku, il-konvenuti l-ewwel resqu talba għal perizja perizjuri, imbagħad irtirawha. Bil-konsegwenza illi ntilfet l-opportunita' li jkun hemm għarbiel ieħor ta' dan l-aspett tant kruċjali tal-vertenza.

66. Opportun jiġi puntwalizzat ukoll illi l-konkluzjoni tal-perit mediku hija sa ċertu punt imsaħħa mill-konsiderazzjoni illi fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, id-disposizzjonijiet testamentarji fit-

[10] Xahar wara li għamlet it-testment u ġimgħa qabel mietet.

testment impunjat ma jistgħux jitqiesu oġġettivament raġjonevoli jew oġġettivament razzjonali. Huwa minnu li fit-testment jingħad illi t-testatriċi qed tħalli l-prelegat lill-konvenuta minħabba li hi u uliedha ħadu ħsiebha, pero' anke hawn it-tieni artikolu tat-testment ma jirriflettiex dak li verament seħħ għaliex fih jingħad illi l-konvenuta u uliedha "ilhom jiehdu hsiebha matul hajjitha kollha". (sottolinear tal-Qorti). Anke li kieku tniżżel li ilhom jieħdu ħsiebha "matul ħajjithom kollha" kienet tkun esaġerazzjoni.

67. Dwar it-test tar-raġjonevolezza tad-disposizzjonijiet testamentarji f'xenarju fejn testment qed jiġi mpunjat minhabba nuqqas ta' kapaċita' testamentarja, rilevanti jiġi wkoll osservat illi jirriżulta mill-atti li kemm kienet ilha l-konvenuta tirrisjedi mat-testatriċi, jew vice versa, il-konvenuta kienet qed isarraf ic-cheque tal-pensjoni ta' ommha u allura xi forma ta' kumpens kienet diġa qed tirċevi.

68. F'dan il-kuntest joħroġ ukoll in-nuqqas ta' raġonevolezza tad-disposizzjonijiet testamentarji meta jitqies illi l-prelegat imħolli lill-konvenuta ma kienx ikopri biss is-sehem mill-assi tat-testatriċi iżda anke s-sehem li ma kienx tagħha u dan permezz ta' *legat di cosa altrui.*

69. Huwa minnu illi l-kejl tar-raġjonevolezza ta' disposizzjonijiet testamentarji ma hux waħdu determinanti dwar il-kapaċita' mentali tat-testatriċi, pero' meħud in konsiderazzjoni illi sal-jum tal-mewt tagħha ulied it-testatriċi kollha kienu f'relazzjoni ottima sew bejniethom sew ma' ommhom bl-atturi jżuru lill-ommhom jew nanthom regolarment diversi drabi fil-ġimgħa jassistu wkoll f'dak li kien hemm bżonn, jikkorrobora dak li ġie konkluż mill-espert mediku. Kif miżmum fil-ġurisprudenza fuq ċitata in-nuqqas ta' razzjonalita' fid-disposizzjonijiet testamentarji ixaqilbu l-miżien lejn inkapaċita' testamentarja.

70. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jsostnu illi ġie ppruvat li meta sar it-testment, xhud li ġiet indikata prezenti fuq il-kopja tat-testment ma kenitx hemm fl-ebda ħin, filwaqt li t-tieni xhud kien preżenti għal parti biss u mhux għall-qari tat-testment kollu. Il-Qorti mhiex ser tikkonsidra tali sottomissjoni peress li l-mertu tagħha ma jinkwadrax ruħu la fil-premessi tal-atti promotur u lanqas fit-talbiet attriċi. L-atturi kellhom żmien suffiċjenti sabiex jekk deherilhom li l-provi akkwiżiti kienu qed juru dak li allegaw fin-nota ta'

sottomissjonijiet tagħhom, li jitolbu żieda fil-premessi u/jew fit-talbiet attriċi. Ma għamlu xejn minn dan u għalhekk il-Qorti ma ser tikkunsidraha.

**Decide.**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1 **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

2 **Tilqa'** l-ewwel talba attriċi, tiddikjara illi meta Anna Bugeja għamlet it-testment tagħha fl-4 ta' Ottubru, 2012 quddiem in-Nutar Antonella Navarro ma kelliex il-fakultajiet mentali meħtieġa ai termini tal-Artikolu 597 (d) tal-Kodiċi Ċivili sabiex tagħmel testment.

3 **Tilqa'** t-tieni talba attriċi, tiddikjara null u bla effett l-imsemmi testment.

**Bl-ispejjeż** kontra l-konvenuti.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
23 ta' Novembru, 2023

**Deputat Reġistratur**